# EPIGRAMMI

# III. Fuq In-Nisa

### 45. IL-MERA

Ja Mera kbira! kemm uċuh samrana
rajthom isiru roża u bil-wardiet;
u kemm rajt xagħar miżbugħ, kemm rajt snien foloz!
kemm taf xi tgħid kieku ma żżommx is-skiet!

### 46. LUĊIJA

Luċija kemm tixtieq li tkun sabiħa!
ma tista' temmen qatt illi hija kerha;
kull siegħa u kull mument tielgħa mat-taraġ,
u toqgħod tħares ċass tistaqsi 'l-mera.

### 47. IX-XAGĦRA L-BAJDA

Ħarset ħarsa fil-mera u lemħet f'rasha
xagħra bajda bħas-silġ, u f'qalbha bkiet;
u qabdet u qatgħatha, iżda minn flokha
telgħu bojod bħas-silġ seba' xagħriet.

### 48. WARDIET FOLOZ

Pollu għaddejja b'żewġ wardiet ħamrana:
li kienet xitla' tieqaf biex ixxommha;
'mma jalla l-flus li għandha fil-portmoni
ma jkunux foloz bħall-wardiet fuq fommha!

### 49. LIL DORINA

Rajtek b'xagħar iswed, isfar, aħmar, qastni
skond il-lewn li ħawwadlek iż-żebbiegħ;
x'kurżita' għandi! kemm nixtieq naf sewwa
x'kien l-ewwel lewn tax-xagħar li twelidt bih!

## 50. IR-RAS TA’ IRENE

Par għajnejn żoroq sbieħ, żewġ wardiet ħomor,
u xagħar tad-deheb, xofftejha żewġ qrolliet;
xi ġmiel ta’ ras! tistagħġeb kif ġo fiha
ibejtu bil-eluf il-ħmerijiet!

## 51. B’ĦAMES XELINI ĠMIEL

Olga ma kellhiex ġmiel m’għand in-Natura;
għalhekk marret xtrat ftit m’għand l-ispiżjar:
b’ħames xelini għamlet xofftejn qrolla,
xuxa xagħar deheb, u wiċċ aħmar bħan-nar.

## 52. IL-FIRMA TAL-ĠMIEL

Ix-xiħa marret għand l-Imgħallem Ġmiel
biex tidher xebba minn flok xiħa mkemmxa;
il-Ġmiel pittrilha wiċċ qisu ta’ xebba,
u minn flok ismu f’wiċċha ħażżeż nemxa.

## 53. GRACE

Grace għandha ħafna ċrieket tad-djamanti,
u tagħmel wirja b’idha kollha dija;
u meta n-nies ma tindunax u tħares,
toqgħod minn flokhom tħares lejhom hija.

## 54. BEBE’

Bebe’ għaddejja żżegleg b’libsa ġdida,
u kollha mossi u pożi biex jarawha;
veru Bebe’, il-libsa tiegħek sbejħa;
iżd’int, Bebe’, jaħasra kerha dagħwa.

## 55. IL-LIBSA L-ĠDIDA

Kif kienet Strada Rjali l-knisja daħlet,
skullata sew u bil-kmiem imqaċċtin;
kulħadd kien raha b'dik il-libsa l-ġdida:
kien fadal biss jaraha Sant'Antnin.

## 56. L-EWWEL LIBSA

Kif dinbet l-ewwel ħaġa l' għamlet Eva
libset werqa tat-tin kif kien imiss;
li kien iż-żmien tal-lum ordnat two-pieces,
u libset il-biċċtejn, jew biċċa biss.

## 57. JESSIE

Jessie liebsa sabiħ għaddejja lventa,
u ħsiebha biss min qed iħares lejha;
li ma kienx hemm l-asfalt u triq nadifa,
ilha li farrket rasha jew ħaddejha.

## 58. POLLY

Miskina Polly dejjem tagħmel wirja
ġo Strada Rjali daqs id-drapp għall-bejgħ;
li ma żżewġitx sal-lum mhux minnha naqas:
ma kienx hemm ġuvni li ma ħarsitx lejh.

## 59. SABINA

Sabina għandha kollox biex tiżżewweġ:
l-għamara, l-bjankerija, d-deheb, u l-flus;
u għandha ħamsin sena u għadha xebba:
għad tonqos l-aqwa ħaġa, il-għarus.

## 60. VIVI

Vivi xtaqet tiżżewweġ u bdiet timraħ
u tiġri ’l hawn u ’l hemm daqs l-aqwa debba;
bil-għatx li kellha li tiżżewweġ wieħed,
iżżewġet ma’ kulħadd u baqgħet xebba.

## 61. ANNIE

Annie, bħall-bastiment li jkun se jegħreq,
tibgħat messaġġi b’par għajnejn żibġija;
l-ebda ġuvni ma wieġeb, u Annie kellha
tegħreq fil-baħar kiefer tax-xbubija.

## 62. DAIDY

Daidy tiftaħar kemm hi tfajla onesta
kull meta ssib u tmur ma’ ġuvni ġdid;
u dak il-ġuvni, jekk ikollu sabar,
joqgħod jisma’ bilfors, jemmen k’irid.

## 63. SISSIE

Sissie tiftaħar mingħajr xejn mistħija
kemm kellha ammiraturi li jħobbuha;
u dawk l-ammiraturi lkoll ferħana
li sservew biha ftit u mbagħad telquha.

## 64. HILDA

L-aqwa sodisfazzjon li għandha Hilda
li żżewġet ta’ sittax, u għadha żżommha,
hija li meta tkun ma’ bintha x-xebba,
kulħadd jaħsibha oħtha u mhux ommha.

## 65. NHAR TA’ ĦADD

Elvira nhar ta’ Ħadd tilbes pulita,
u toħroġ bil-kappell, dritta daqs lasta,
u tgħaddi Strada Rjali u tmur il-Premier,
u toqgħod dritta dritta tiekol pasta.

## 66. FIL-ĦANUT TAL-LAĦAM

“Għandek xi biċċa steak jew tongue jew kidney?”
u titfa’ l-kliem bl-ingliż, taħsibha ingliża;
u wara, dan il-kliem u l-pożi kollha,
ħadet kwart u nofs laħam minn tal-friża.

## 67. IS-SEFTURA

“Sinjur hawn wieħed biss, qiegħed fis-sema”,
kienet kull darba tgħid Karmni s-seftura;
’mma mindu s-sinjur romol u ħa lilha,
imsejken min ma jsejħilhiex sinjura.

## 68. IL-ĦOXNA

X’ġaralha dik l-imsejkna ta’ Matilde
li tiekol dejjem, dejjem qiegħda għall-frisk,
saret daqs bittija! meta mietet
sabet il-bieb tal-ġenna dejjaq wisq!

## 69. IX-XWEJĦA TAR-RAĦAL

Waqgħulha s-snien, naqsilha d-dawl, saqajha
ħallewha t-tnejn, laħamha rtab bħall-baqta;
iżda, Alla jbierek, kull ma jmur ilsienha
aktar jissaħħaħ, aktar isir jaqta’.

## 70. MOĦĦHA MISTRIEĦ

Rieqda daqs bumarin, u biex tqajjimha,
kanun trid tisparalha jew sajjetta;
moħħha mistrieħ: qabel ma marru l-ballu
uliedha t-tliet xebbiet ħadu ċ-ċavetta.

## 71. VITOR IN-NAXXARIJA

F'għomorha kollu wiċċha qatt ma ħammret,
la b'rouge, la bil-mistħija jew pudur,
ħlief darba waħda, meta tar-ritratti
għamlilha ritratt kbir u bil-kulur.

## 72. ŻMIEN IX-XJUĦIJA

Wasal fuq Marikarm żmien ix-xjuħija
b'xagħar abjad u b'saqajn, għajnejn għajjiena;
u max-xjuħija tax-xjuħ ġietha l-barka
li tinsa qisu xejn x'għamlet fi żmienha